MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 304/2012

**F. Cordina & Sons Limited C-49592**

***kontra***

**Christals Services Limited C-17272**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-22 ta` Marzu 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta` erbatax-il elf hames mija u ghoxrin Euro u disgha u disghin centezmu (€14,520.99) liema somma certa, likwida u li ghalqet tirrapprezenta bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici*

*minn somma akbar ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta, flimkien ma` bilanc ta` imghax fl-ammont ta` mitejn u tnejn u hamsin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€252.51) ikkalkulat sat-23 ta` Settembru tas-sena 2011, b`kollox erbatax-il elf seba` mija tlieta u sebghin Euro u hamsin centezmu (€14,773.50) u dan kif jirrizulta mis-statement anness u mmarkat bhala Dok. FCS1.*

*2. Illi minkejja illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat il-merkanzija rikjesta s-socjeta` konvenuta ghadha ma hallset xejn mis-somma dovuta minnha u dan minkejja bosta weghdiet ta` hlas.*

*3. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167sa 170 tal-Kap. Tnax (12) tal-Ligijiet ta` Malta sabiex din il-kawza tigi deciza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.*

*4. Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x`taghti ghat-talba tar-rikorrenti.*

*5. Illi l-esponent jaf b`dawn il-fatti personalment.*

*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :*

*1. Tiddispensa l-kawza mis-smigh u dana ai termini tal-artikoli mija u sebgha u sittin (167) et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta` erbatax-il elf hames mija u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmu (€14,520.99) rapprezentanti bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici minn somma akbar ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu tal-istess socjeta` konvenuta flimkien ma` bilanc ta` imghax fl-ammont ta` mitejn u tnejn u hamsin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€252.51) ikkalkulat sat-23 ta` Settembru tas-sena 2011, b`kollox erbatax-il elf seba` mija tlieta u sebghin Euro u hamsin centezmu (€14,773.50);*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erbatax-il elf hames mija u ghoxrin Euro u disgha u disghin centezmu (€14,520.99) rapprezentanti bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici minn somma akbar ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu tal-istess socjeta` konvenuta flimkien ma` bilanc ta` imghax fl-ammont ta` mitejn u tnejn u hamsin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€252.51) ikkalkulat sat-23 ta` Settembru tas-sena 2011, b`kollox erbatax-il elf seba` mija tlieta u sebghin Euro u hamsin centezmu (€14,773.50).*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta` Ottubru 2011, b`numru ta` referenza 219/11, u bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta illi r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-20 ta` April 2012 ai termini tal-Art. 170(1) tal-Kap. 12.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` April 2012 fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu lahqu ftehim bejniethom.

Rat in-nota tal-kumpannija attrici prezentata fl-istess udjenza, li permezz taghha rriduciet it-talba taghha mill-ammont ta` €14,520.99 originarjament pretiz minnha ghall-ammont ta` €10,550.

Rat in-nota tal-kumpannija konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talba attrici kif ridotta ghall-figura ta` €10,550.

Rat illi skond il-ftehim bejn il-partijiet kif jirrizulta kemm mill-verbal ta` l-udjenza kif ukoll miz-zewg noti prezentati mill-partijiet stess, kien mifthiem illi l-ammont ta` €10,550 jithallas fi zmien sitt xhur mill-1 ta` Mejju 2012 permezz ta` pagamenti rateali mensili, b`dan illi dment li l-hlas kollu jsir sa sitt xhur mill-1 ta` Mejju 2012 ma jghaddi ebda imghax, waqt illi imghax kellu jibda jghaddi biss fuq il-kapital li jkun ghadu dovut fil-kaz illi jibqa` pendenti l-hlas tal-istess kapital jew parti minnu entro sitt xhur mill-1 ta` Mejju 2012.

**Ghar-ragunijiet premessi, u fuq ammissjoni tat-talba attrici kif dedotta, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi:**

**1. Fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` l-ewwel talba attrici;**

**2. Fit-tieni lok tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta` ghaxart elef, hames mija u hamsin Euro (€10,550) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghall-merkanija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu taghha.**

**3. Fit-tielet lok tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` ghaxart elef, hames mija u hamsin Euro (€10,550), permezz ta` pagamenti rateali ta` kull xahar minghajr imghax, sa zmien li ma jkunx aktar tard mill-1 ta` Novembru 2012. Jekk l-ammont ta` €10,550 ma jithallasx kollu kemm hu sa l-1 ta` Novembru 2012, jibda jiddekorri imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-1 ta` Novembru 2012 fuq il-kapital jew parti minnu li jkun ghadu dovut.**

**4. Fir-raba` lok tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-procedura ta` l-ittra ufficjali tas-17 ta` Ottubru 2011 (referenza numru 219/11).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------